għandhom mnejn tiġihom aktar ħafifa li jduru għal kotba barranin milli bil-Malti; u dan, kemm għax għandna nuqqas ta' kotba bil-Malti ta' din ix-xorta, kif ukoll għal raġunijiet ekonomiċi u oħrajn. Il-Bibbja bil-Malti hija wieħed minn dwan il-kotba l-inqas imfittxijin fostna. Fil-fehma tagħna, il-ħtija ewlenija tinsab fil-fatt li għad ma għandniex edizzjoni li, għal dak *biss* li hu prezz u kumdità, tista' tħabbatha ma' dawk ta' barra. Huwa problema li jnikktek, u min jifhem jaf tajjeb illi, jekk xi ħadd jipprova jħollu, ikollu jidħol għal sagrifiċċju u sogru finanzjarju kbir. Inkella s-sagrifiċċju jkollu jagħmlu r-raġel tat-triq, billi jonfoq erbgħa jew ħames darbiet iżjed, biex jixtri edizzjoni Maltija, milli jonfoq biex jixtri waħda, ngħidu aħna, Ingliża: ħaġa li ebda editur ma jista' jippretendiha raġunevolment.

Huma x'inhuma r-raġunijiet, jibqa' dejjem fatt ta' min jitħassru li l-Bibbja ma tanx inħobbu naqrawha wisq. Daqs 30-40 sena ilu, bosta djar Maltin kont issibilhom it-3 volumi ta' "*Storia Sacra*", adattament popo-lari tal-parti storika tal-Kotba Mqaddsa, u ħafna familji kienu jinġabru flimkien filgħaxijiet biex iqattgħu siegħa żmien jaqraw l-istejjer sbieħ tal-poplu Lhudi u jqabbluhom ma' dawk li jkunu semgħu fil-priedki. Il-lum din l-edizzjoni ilha ħafna eżawritha, u l-ġenerazzjonijiet tagħna żmien-hom iħobbu jqattgħuh wisq xort'oħra: il-Bibbja jħarsu lejha biss bħala tal-knisja u, barra minn interess reliġjuż, ma jafu jarawlha ebda attrat-tiva oħra. Madankollu l-Kotba Mqaddsa, li l-Awtur tagħhom huwa l-aqwa artista li qatt jista' jingħata, huma mimlijin b'tagħlim l-aktar għoli u b'episodji l-ħlewwa tagħhom għall-poeżija li fihom.

Bil-ħsieb li jagħti l-kontribut tiegħu ħalli tinqered din l-apatija, is-Sur Vella Tomlin għażel żewġ episodji magħrufin ħafna mill-Ktieb ta' l-Imħallfin, u, filwaqt li qagħad fidil kemm jista' jkun għat-test skond it-traduzzjoni ta' Sajdon, tahom libsa poetika billi bis-sabar kollu ħadim-hom f'għamla ta' epika b'versi endekasillabi. Din il-forma tahielhom "*bħala preżentazzjoni ġdida biex ninteressaw lil qarrejja ġodda, li mbagħad forsi weħidhom jerġgħu jmorru fuq l-oriġinal u jieħdu gost jik-komparaw u jitgħallmu*" (p.7.)

Il-ktieb huwa mqassam fi tnejn: a) Gedgħon, u b) Sansun; u qabel kull biċċa hemm parafrasi ta' l-istorja relattiva. Il-versi ta' l-epika huma solenni u mimlijin. Huwa veru li r-ritmu ta' xi wħud mill-versi jinħass aktarx iebes għall-widna, għax l-aċċenti setgħu jitqiegħdu metrikament aħjar, iżda l-versi "*għandhom jinqraw mhux bil-għajn, imma għandhom jitleħħnu, u waħdu l-qarrej iħoss tqanqilu*" (p.8) ta' seħer lejn id-drama kbira li tkun qed tintiseġ taħt il-għajnejn ta' moħħu.

Mill-introduzzjoni, studjata tajjeb ħafna, jidher li l-kittieb ipprepara ruħu sewwa għal din il-biċċa xogħol f'dak li hu tagħrif storiku, didattiku u letterarju bibliku, biex iseħħlu tassew iwassal lill-qarrej il-"*messaġġ poetiku li jeżisti u ma jeqdiem qatt fl-Iskrittura Mqaddsa*" (p.8.) Xewqa li nagħmluha tagħna wkoll.

v.v.b.

## IL-MEWT TA' ĠUŻE' ELLUL MERCER

Fil-waqt li konna wasalna biex noħorġu dan in-Nru. ta' "IL-MALTI" waslitilna l-aħbar tal-mewt f'daqqa ta' **ĠUŻE' ELLUL MERCER**, wieħed mill-membri qodma, u li tagħha kien ukoll għal iżjed minn darba Membru fil-Kunsill.

**ĠUŻE' ELLUL MERCER** kien magħruf bħala wieħed mill-kittieba tajbin tal-Malti kif jixhdu, fost kitba oħra tiegħu 'l hawn u 'l hinn f'"IL-MALTI" u fil-ġurnali, ir-rakkont ħelu tiegħu "Leli ta' Ħaż-Żgħir" u d-djarju ta' l-aħħar gwerra "Taħt in-Nar".

Ġie żmien li kien Editur tal-ġurnal tal-Partit tal-Ħaddiema (1930-31). Wara li għalaq iż-żmien tiegħu bħala Kap Skrivan fil-Headquarters, Malta Garrison, huwa ħa sehem kbir fil-pulitika tal-pajjiż, u wara li ġie maħtur Membru tal-Partit tal-Ħaddiema fil-Parlament għal darbtejn, laħaq Minis-tru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni, karika li dam fiha mill-1955 sa l-1958. Ma' tul dan iż-żmien kellu wkoll il-karika ta' Kap Deputat tal-Partit Laburista, kif ukoll dik ta' Aġent Prim Ministru.

**ĠUŻE' ELLUL MERCER** dejjem interessa ruħu fil-Għaqda u fil-pro-gress tal-Lsien Malti, hekk li meta kien hemm il-bżonn tal-għajnuna tiegħu, dejjem qabeż għall-interessi u drittijiet tagħhom, u tal-Membri tal-Għaqda. B'riħet il-ħidma tiegħu, ma' dik tal-Għaqda, li l-lum naraw wieħed mill-aqwa u l-ixjeħ fost il-Poeti Maltin imwettaq mill-Gvern b'dak il-ħlas u ġieħ li stħoqqlu għall-merti letterarji tiegħu.

Il-Għaqda, fil-waqt li tissieħeb ma' qrabatu u ħbieb tiegħu fin-niket tat-telfa tiegħu, tħossha fid-dmir li tibqa' tiftakar fih bħala wieħed mill-egħżeż membri u ħbieb tagħha.